**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti a' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mark Mercieca]**
**[Spettur Anthony Scerri]**
**vs**
**Lawrence Fabri**

**Drogi Numru: 149/2018**

## Illum 23 ta' Jannar 2019

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Lawrence Fabri detentur ta' Karta ta' identita numru 506780M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Dicembru 2018 kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juri li ma kenitx ghall-uzu personali tieghu, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor fejn normalment jilyaqaw iz-zaghzagh skond l-artikolu 22(2)(b) tal-Jap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll biex titratta ma'l-imputat bhala recidiv ai termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi mghotija lilu, liema sentenzi saru definittiviu ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-fedina penali tieghu u l-kwantita ta' pilloli li nstabu fil-pussess tieghi, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 40A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 5 ta'l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, u t-tieni proviso ta'l-artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u **tikkundannah sentejn (2) prigunerija u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500)** li ghandha tithallas meta jiskonta il-piena karcerarja imposta b'din is-sentenza, u qed tordna ukoll i**l-konfiska tal-mobile phone** esebiet Dok JC2.

In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat biex **ihallas l-ispejjez ta'l-esperti nominati** f'l-atti

ta' l-inkjesta relattiva; il-hlas ghandu jsir meta l-imputat jiskonta il-piena karcerarja imposta b'din is-sentenza.

In konkluzzjoni il-Qorti qed **tordna d-distruzzjoni tal-pilloli** formanti parti mill-atti ta' l-inkjesta, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u l-imsemmija pilloli jigu esebieti in atti; dan taht il-harsien tar-Registratur ta' din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**